# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Tnejn 14 ta' Diċembru 2015**

**Numru**

**Rikors maħluf numru 35/2007 JZM**

**A.I.Ċ. Joseph Barbara,**
**Josephine mart Raymond Azzopardi *proprio***
**kif ukoll bħala prokuratriċi tal-imsiefra**
**Anna Maria mart Salvatore Saddemi,**
**Patricia mart David Anastasi u**
**Greta mart Anthony Bartolo Parnis;**
**u b'dikriet tat-2 ta' Ġunju 2009**
**l-atti kollha f'isem A.I.Ċ. Joseph Barbara**
**ġew trasfużi f'isem Josephine Azzopardi,**
**Anna Maria Saddemi, Patricia Anastasi u**
**Greta Bartolo Parnis**

**v.**

**Carmelo Borg u Yvonne Ruth Borg għal kwalunkwe**
**interess li jista' jkollha**

1. Dan huwa provvediment fuq eċċezzjoni ta' rikuża tal-membri ta' din il-qorti mressqa mill-konvenuti b'rikors tal-10 ta' Novembru 2015. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'sentenza tas-26 ta' Ġunju 2015 din il-qorti laqgħet appell tal-atturi u ordnat l-iżgumbrament tal-konvenuti minn fond tal-atturi wara li sabet illi l-konvenuti ma kellhomx jedd illi jikkonvertu t-titolu tagħhom fuq il-fond minn wieħed ta' enfitewsi temporanja, li kienet għalqet, għal wieħed ta' enfitewsi perpetwa, taħt l-art. 12A tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar ["Kap. 158"], billi l-fond ma kienx ir-residenza ordinarja tagħhom fiż-żmien relevanti.

3. B'rikors tal-4 ta' Settembru 2015 il-konvenuti talbu illi l-appell jinstema' mill-ġdid, wara li titħassar is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2015 ["is-sentenza attakkata"], għax igħidu illi dik is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811(*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Issa, bir-rikors tal-10 ta' Novembru 2015 li fuqu qiegħed jingħata dan il-provvediment, qegħdin jirrikużaw il-membri ta' din il-qorti (li kienu l-istess membri tal-qorti li tat is-sentenza attakkata) taħt l-art. 734(1)(*d*)(ii) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili[1] għal raġuni li fissruha hekk:

> "Illi l-aggravju mressaq f'dan il-proċess ta' ritrattazzjoni huwa msejjes fuq l-artikolu 811(*i*) [*recte*, art. 811(*l*)] tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jirrigwarda deċiżjoni li tkun saret fuq

1 "**734.** (1) L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża -
"… … …
"(*d*) (ii) jekk il-kawża kienet ġà ġiet quddiemu bħala mħallef jew bħala arbitru:
"Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles *ab observantia*."

> supposizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun ġiet bla ebda dubbju eskluża.
>
> "Illi f'dan il-każ il-Qorti tal-Appell kienet waslet għal konklużjoni fejn assumiet bħala veritjier u fattwali l-affermazzjonijiet tal-Avukat Dottor Tonio Azzopardi li r-residenza tal-konjuġi Borg kienet tinsab barra minn Malta meta għall-kuntrarju l-provi l-oħra kollha mressqa jindikaw mod ieħor u *cioè* li r-residenza tagħhom kienet hawn Malta;
>
> "Illi fil-fatt l-ewwel onorabbli qorti kienet skartat għal kollox l-affermazzjonijiet tal-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u straħet minflok fuq il-provi l-oħra kollha mressqa li lkoll indikaw r-residenza tal-konjuġi Borg bħala li kienet u għadha f'dawn il-Ġżejjer.
>
> "Illi għalhekk *in vista* tal-premess għandu jirriżulta li jkun għaqli u opportun għall-finijiet tal-ġustizzja li l-aggravvju mressaq fir-ritrattazzjoni ma għandux jinstema' u jiġi deċiż mill-istess panel ta' mħallfin peress illi l-istess panel ta' mħallfin ġà għamlu ġudizzju fuq il-kwistjoni ta' residenza meta għażlu li jaċċettaw bħala fatt l-affermazzjoni ta' Dr Azzopardi u jiskartaw il-provi l-oħra kollha kontrarji."

4. Li kieku l-konvenuti kienu qegħdin jitolbu valutazzjoni mill-ġdid tax-xiehda li fuqha straħet din il-qorti biex waslet għad-deċiżjoni tagħha fis-sentenza attakkata, il-konvenuti kien ikollhom raġun jirrikużaw lill-imħallfin li diġà għamlu valutazzjoni tal-istess xiehda. Din iżda hija proċedura ta' ritrattazzjoni taħt l-art. 811(*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fejn ma ssirx valutazjoni mill-ġdid ta' xiehda iżda biss verifika dwar jekk saritx suppożizzjoni jew esklużjoni żbaljata ta' fatt li "ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza". Jekk il-fatt huwa wieħed li kien "punt ikkontestat" illi kien ġie deċiż bis-sentenza, *i.e.* fatt li dwaru l-imħallfin ġià fissru l-fehma tagħhom, ma tingħatax ritrattazzjoni. Il-kwistjoni mela bilfors trid tkun dwar fatt li, għax ma kienx "punt kontestat deċiż bis-sentenza attakkata",

huwa fatt li dwaru l-imħallfin għadhom ma tawx il-fehma tagħhom u, għax għadhom ma tawx il-fehma tagħhom fuqu, ma huwiex raġuni għar-rikuża jew astensjoni.

5. Il-qorti għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni ta’ rikuża u tordna li jinbeda s-smigħ *in rescindendo*.

6. Dwar l-ispejjeż ta’ dan l-episodju jkun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df